KUNSILL LOKALI SAN PAWL IL-BAHAR LOCAL COUNCIL
Triq San Pawl, San Pawl il-Baħar, SPB 3411 Malta, Europe

E-Mail: sanpawlil-bahar.lc@gov.mt, Web Site: www.stpaulsbay-online.com
Tel: 21585888, 21570869/70, Mobile: 99433058/9, Fax: 21583058

**Minuti tat-Tieni ( 02 ) Laqgħa tas-Seba' ( 07 ) Kunsill Lokali San Pawl il-Baħar li nżammet fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-istess Kunsill Lokali San Pawl il-Baħar nhar il-Gimgħa 13 t'April 2012 fis-06.00 ta' filgħaxija.**

Il-Laqgħa bdiet fil-06.05 ta' filgħaxija .

Il-Kunsilliera kienu preżenti kif jidher hawn taht.

| | Ħin Dħul | Ħin Ħruġ |
|---|---|---|
| Is-Sur Mario Salerno (Sindku) | 6.00p.nim. | 9.10p.m. |
| Is-Sur Alex Bezzina (Vici-Sindku) | 6.00p.m. | 9.10p.m. |
| Il-Perit Graziella Galea | 6.00p.m. | 9.10p.m. |
| Is-Sur John Bray | 6.00p.m. | 7.34p.m. |
| Is-Sur Raymond Tabone | 6.00p.m. | 9.10p.m. |
| Is-Sna Mandy Buhagiar | 6.07p.m. | 9.10p.m. |
| Is-Sur Jason Camilleri | 6.10p.m. | 7.45p.m. |
| Is-Sur Peter Abela | Assenti. | |
| Is-Sur Anne Marie Fenech | 6.00p.m. | 9.10p.m. |
| L-Avukat Robert Anthony Piscopo | 6..04p.m. | 9.10p.m. |
| Il-Perit Daniel Grima | 6.04p.m. | 9.10p.m. |
| Is-Sur Carmel Hili | 6.04p.m. | 9.10p.m. |
| Is-Sna Jane Chircop | Skużata | |



Sindku : Mario Salerno
Viċi Sindku : Alexander Bezzina
Kunsilliera : Graziella Galea, John Bray, Raymond Tabone, Mandy Buħaġiar, Peter Abela, Jason Camilleri, Robert Piscopo, Anne Marie Fenech, Daniel Grima, Jane Chircop, Carmel Hili
Segretarju Eżekuttiv : John J. Camilleri

Iċ-Ċerpersin tal-Kumitat Amministrattiv Burmarrad, is-Sur Ray Bartolo kien pereżenti għal laqgħa.

Is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sur John J. Camilleri kien preżenti għall-laqgħa.

Il-Laqgħa bdiet fis-6.05p.m.

**1.0 Sospensjoni.**

Is Sindku s-Sur Mario Salerno, informa li kienu preżenti Konsulenti u Kuntratturi tal-Kunsill u għalhekk talab u ġie approvat unanimament li l-Laqgħa tibda b'*items* 6 u 7 tal-Aġenda.

Ġiet sospiza l-Laqgħa sabiex l-Avukat John Bonello, il-Perit Etienne Magri, il-Kuntrattur is-Sur Adam Grima, u l-Accountant is-Sinjura Romina Perici Ferrante, jkunu jistgħu jagħmlu l-preżentazzjoni tagħhom dwar x-xogħol li huma kienu nkarigati minnu.

**1.01** L-Avukat John Bonello ta elenku tal-każijiet pendenti li l-Kunsill għandu quddiem il-Qorti li huma:

L-Aċċident ta' Awissu 2008 fl-attivita' f'ta' Fra Ben. Dan il każ jinstab quddiem l-Assistenta Ġudizzjarja.

Il-Każ ta' San Antonio Hotel li ġara fl-1995. Dan il-każ mhux kopert mill-assigurazzjoni.

Il-Każ tal-Flower Kiosk fil-Pjazza ta' Buġibba kien inqata' kontra l-Kunsill Lokali . Ittieħdet deċiżjoni li l-Kunsill jiltaqa' mall-Attur .

Il-Każ ta' Casa Serena kien inqata' li l-Kunsill Lokali hu responsabbli li jsewwi l-bankina u dan seħħ qabel l-elezzjoni tal-kunsilli Lokali . Is-Sindku 'nforma li se jiddiskuti mal-Attur dwar jekk tistax tinstab soluzjoni.

Il-Każijiet konklużi kienu dawk tal-Benmar li kien ilu minn żmien ir-Raba' Kunsill, u dak tas-Sna Samanta Grima li waqa' minħabba teknikalita' legali. Skont l-Avukat il-Kunsill jista jerġa jiġi involut f'dan il-każ aktar l'quddiem wara li tinqata l-kawża l-oħra ta' Fra Ben fuq imsemmija.

**1.02** Il-Perit Etienne Magri elenka x-xogħolijiet kurrenti li jinkludu:

Il-bini tal-estensjoni tal-Klabb tal-Boċċi Thalassalejn fejn il-Kunsill b'fondi mill-UIF kien ser jiffinanzja s-saqaf ta' din l-estenzjoni u l-bandli.

Ippjanar ta' Ġnien ta' Erba' Mwieżeb. Kienu qed jiġu analizzati s-suġġerimenti tar-residenti qabel tittieħed deċiżjoni w issir applikazjoni mal-Awtorita' Ta' Malta Dwar l-Ambjent u l-Ippjanar.

Saret applikazjoni għal Parkeġġ temporanju fil-Qawra.

Saret ukoll applikazjoni għal *Embelishment* tal-Bandli f'Burmarrad. Il-Kummissjoni Nazzjonali Persuni b'Dizabilita' kienu qed jevalwaw din l-applikazjoni.

Il-Perit spjega fid-dettall il-każ ta' Triq San Ġorġ u qal li x-xogħol issa kien jinstab wieqaf għal kollox. Il-Kunsill iddeċieda unanimament li tinħareġ sejħa għall-offerti sabiex jingħata mill-ġdid kuntratt għal *scarifying* u kisi bit-tarmak ta' Triq San Ġorġ. Din il-proposta saret mis-Sindku s-Sur Mario Salerno u ġiet issekondata mill-Perit Graziella Galea. Ġie deċiż li jiġu 'nkluzi multi fil-Kuntratt il-ġdid u li anke jiġi 'nvolut l-Avukat fil-kwistjoni ta' bejn il-Kunsill u l-Kuntratturi Bonnici Bros li kienu abbandunaw ix-xogħol u ġabu ħafna skużi sabiex jiġġustifikaw dan l-aġir tagħhom. Għal rekords, is-Segretarju Ezekuttiv kien ħareġ *Default Notice lil* Bonnici Bros għax kaxkar saqajh fuq dan ix-xogħol ta' Triq San Gorg. Il-Kuntrattur avza li la darba skada z-zmien tal-kuntratt li kien marbut, ma kienx bi ħsiebu jkompli bil-prezzijet fil-kuntratt. Hu qal li hu maħlul u ma jridx ikompli jekk ma jkunx hemm zieda fil-ħlas ta' 125% għax id-diesel u t-tarmak għollew.

Ix-Xogħol li kien qed isir fuq iż-żewġ kuntratti ta' rikostruzjoni u kisi ta' toroq bl-iskema tal-PPP. Fil-każ tal-kuntratt tal-PPP Batch 2 li kien qed isir min Bonnici Bros, il-Perit kien iddikjara li 3 mill-5 toroq li kienu tlestew ma kinux *up to specs* u l-Perit kien ser jiltaqa' mal-Kuntrattur dwar dan u jitlob *time-frame* ta' meta kien ser jitlesta x-xogħol. Il-Kunsill innota wkoll li l-Kuntrattur Road Servicing Ltd li kellu l-kuntratt tal-PPP Batch 1 kien miexi b'ritmu sodisfacenti u ma kienx jidher li hemm problemi.

Kien hemm lista ta' 3 xogħolijiet ta' *major patching* pendenti.

Il-Perit semma li kien hemm l-approvazzjoni tal-Monument ta' San Pawl fir-*roundabout* ta' Erba' Mwiezeb. Il-Kunsill għandu jiddeċiedi u jagħti struzjonijiet dwar dan il-Monument.

Il-permessi tal-Awtorita' Ta' Malta Dwar l-Ambjent u l-Ippjanar għall-proġett tal-Ġnien fi Triq San Ġilardu kienu għadhom ma nħarġux.

Il-Perit informa li l-*Compliance Certificate* tal-*parking spaces* fil-kumpless Blue Waters fi Triq Sant'Antnin kien għadu ma nħariġx mill-Awtorita' Ta' Malta Dwar l-Ambjent u l-Ippjanar

minħabba li kien għad ma hemmx approvazzjoni mill-Kummissjoni Nazzjonali Persuni b'Dizabilita'.

Is-Sindku qal li huwa flimkien mal-Kunsillier Raymond Tabone kienu qed jiddiskutu mal-Perit u ma' Tumas Group sabiex jitkompla l-proċess sabiex isir ftehim mal-Gvern Ċentrali dwar il-bini ta' Ċentru Ċiviku fil-qalba ta' San Pawl il-Baħar.

Meta issemma il-każ tal-applikazzjoni għall-bini ta' Kumpless Sportiv u Skola Sekondarja kif proposta mill-Gvern Ċentrali fil-Qawra minflok il-Proġett ta' Parkeġġ kif kien propost mill-Kunsill, il-Kunsillier Raymond Tabone wera l-oġġezzjoni tiegħu għal dan għaliex hu ħass li għandu jkun hemm *underground parking* taħt il-kumpless li jiġbor fih *one stop shop* fil-komunita'.

**1.03** Is-Sur Adam Grima li kien qed jirrappreżenta lill-Kuntrattur B. Grima and Sons, informa lill-Kunsill li huwa kien ser jaħdem xogħol biss jekk jingħatawlu *Works Orders* skont kif titlob il-liġi w talab li ma jiġix avvicinat sabiex jagħmel xogħol mingħand individwi anke jekk dawn ikunu Kunsilliera. Is-Sur Grima ġie informat li huwa kellu jissuplixxi ritratti tax-xogħolijiet li jagħmel hu w li għandu jibgħat il-kontijiet b'mod aktar regolari u mingħajr ħafna dewmien. Huwa ġie mitlub ukoll biex jieħu l-inizjattiva' u jinforma lill-Kunsill meta jara li kien hemm bżonn li jsiru jew jitranġaw xi tabelli u sinjali tat-toroq. Is-Sindku irid ikun anticipat fil-kotba tal-Kunsill taħt *itemized bill* tal-ħidma fl-infrastruttura.

**1.04** Is-Sinjura Romina Perici Ferrante tat spjegazjoni tas-sitwazzjoni finanzjarja tal-Kunsill w irrispondiet għal xi domandi tal-Kunsilliera. Billi kien sar ħafna ħin , is-Sindku talab li jiltaqa' magħha sabiex ikun hemm spjegazzjoni aktar dettaljata u dan għandu jsir aktar l'quddiem. Is-Sindku talab li jkun hemm *itemized bill* u jkun hemm stil ieħor ta' kif wieħed imexxi l-finanzi biex kull Kunsillier ikun jaf kemm għandu u kif inhu l-bilanċ.

**2.00 Materji Urġenti**

Billi kien qed isir il-ħin, ġie deċiż unanimament li l-Kunsill jitratta xi materji urġenti fil-laqgħa l-*items* l-oħra tal-Aġenda jitħallew għal darb'oħra.

**2.01** Il-Kunsillier Mandy Buħaġiar ġiet inkarigata sabiex tieħu ħsieb l-organizzazzjoni tal-*Fireworks Festival.* Hija qalet li kien ser isiru arranġamenti għall-parkeġġ u *park and ride.* Ġie approvat unanimament li jintalab servizz ta' Banda mill-Każin Banda San Pawl b'*direct order.*

**2.02** Is-Sindku s-Sur Mario Salerno qal li l-*budgets* għall-attivitajiet kellhom ikunu sostenibbli u *self-financing* billi l-Kunsilliera li kienu qed jorganizzaw dawn l-attivitajiet isibu mezzi kif jiġu akkwistati l-fondi meħtieġa.

**2.03** Is-Sindku s-Sur Mario Salerno qal li l-Karnival tas-Sajf li soltu kien jiġi organizzat f'Buġibba għandu jibda jsir fuq il-baħar u jsiru attivitajiet relatati mal-baħar. Ġie deċiż li tinħareġ sejħa għal *Expression of Interest* u min jieħu dan l-inkarigu irid jara li din l-attivita' tkun *self-sustained.* Il-Kunsillier Mandy Buħaġiar ġiet inkarigata sabiex torganizza din l-attivita'.

**2.04** Il-Kunsillier l-Avukat Robert Piscopo ġie inkarigat jorganizza attivita' WARDAFEST fil-Wardija f'Mejju 2012 bil-kollaborazjoni mal-Iskola Dun Manwel Attard u l-Assoċjazzjoni tar-Residenti tal-Wardija.
Iċ-Ċerpersin tal-Kumitat Amministrattiv Burmarrad oġġezjoni għal din l-attivita' li kienet ser issir fit-territorju li jaqa' taħt il-ġurisdizzjoni tal-Kumitat Amministrattiv Burmarrad u għalhekk kien il-Kumitat Amministrattiv li jiddeċiedi dwar attivitajiet li jsiru fit-territorju tiegħu. Is-Sindku wieġeb li din kienet attivita' li kienet ser issir *in house* u għalhekk ma kienx il-każ li jiddeċiedi l-Kumitat Amministrattiv. Saret diskussjoni dwar dan u s-Sindku ordna li l-attivita' issir kif ippjanat u li l-Kunsillier l-Avukat Robert Piscopo għandu jorganizza din l-attivita' bil-għajnuna u bil-kollaborazjoni tal-Kunsilliera kollha li kienu lesti li jipparteċipaw.

**2.05** Is-Sindku ippropona u ġie approvat unanimament li l-Kunsill jgħaddi lill-Kumitat Amministrattiv Burmarrad 50% tal-10% kummissjoni li kien ser jirċievi mis-sistema tal-*Law Enforcement System* ( LES ). Dan wara li r-Reġjun kien approva li jitħallsu 10% kummissjoni tal-ammont tal-multi imħallsa fill-Kunsilli Lokali partikulari. Is-Sur Ray Bartolo wera l-apprezzament tiegħu għal dan il-ġest.

**3.00 Għeluq tal-Laqgħa.**

Il-Laqgha spiccat fid-9.10 ta' filgħaxija u aġġornat għal Ġimgħa 20 t'April 2012 fis-6.00 ta' filgħaxija għat-tkomplija ta' l-istess Aġenda.

**Mario Salerno**
**Sindku**

22 ta' Mejju 2012

**John J. Camilleri**
**Segretatju Eżekuttiv**

ref. 55/4864/12/0SG

**Deposits in Savings Account No. 15207085033**
**Apr-12**

| Deposit No. | | Details | 0031 Cranes Euro | 0034 Skips Euro | MTA Euro | 0200 Debtors Euro | Use of Roads Euro | Outings Euro | 0066 Books/Maps Euro | Allocation Euro | Debtors Euro | Total Euro |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Receipt 5740-5762 | 04-Apr | | 51.26 | 7.00 | | | | | | | | 58.26 |
| Receipt 5763-5771 | 04-Apr | | 25.63 | | | | | | | | | 25.63 |
| 2012-03-29-WV | 04-Apr | 36105 | | | | | | | | | 116.47 | 116.47 |
| Receipt 5772-5802 | 05-Apr | | 83.88 | 12.25 | | | | | | | | 96.13 |
| Receipt 5803-5818 | 05-Apr | | 36.70 | 3.50 | | | | | | | | 40.20 |
| 2012-04-02-WV | 05-Apr | 36106-36110 | | | | | 13.98 | 2.33 | | | 349.41 | 365.72 |
| Receipt 5819-5830 | 07-Apr | | 37.28 | | | | | | | | | 37.28 |
| Receipt 5831-5850 | 07-Apr | | 48.93 | 3.50 | | | | | | | | 52.43 |
| 2012-04-04-WV | 07-Apr | 36111-36113 | | | | | 6.99 | 2.33 | | | 86.47 | 95.79 |
| Direct Credit | 11-Apr | | | | | | | | | 314,773.75 | | 314,773.75 |
| Receipt 5851-5858 | 14-Apr | | 27.96 | 1.75 | | | | | | | | 29.71 |
| 2012-04-09-WV | 14-Apr | 36114 | | | | | | | | | 116.47 | 116.47 |
| Receipt 5859-5880 | 14-Apr | | 47.19 | 24.50 | | | | | | | | 71.69 |
| Receipt 5881-5895 | 14-Apr | | 39.61 | 1.75 | | | | | | | | 41.36 |
| Receipt 5896-5909 | 14-Apr | | 30.29 | 1.75 | | | | | | | | 32.04 |
| Receipt 5910-5922 | 14-Apr | | 41.94 | 15.75 | | | | | | | | 57.69 |
| 2012-04-12-WV | 14-Apr | 36115-36116 | | | | | | | 9.95 | | 29.11 | 39.06 |
| Receipt 5923-5937 | 18-Apr | | 23.30 | 19.25 | | | | | | | | 42.55 |
| Receipt 5938-5940 | 18-Apr | | 6.99 | | | | | | | | | 6.99 |
| Receipt 5941-5957 | 18-Apr | | 60.58 | 7.00 | | | | | | | | 67.58 |
| Receipt 5958-5969 | 18-Apr | | 27.96 | 3.50 | | | | | | | | 31.46 |
| 2012-04-13-WV | 18-Apr | 36117 | | | | | | | 1.50 | | | 1.50 |
| Receipt 5970-5983 | 19-Apr | | 34.95 | 1.75 | | | | | | | | 36.70 |
| Receipt 5984-5996 | 20-Apr | | 32.62 | | | | | | | | | 32.62 |
| Receipt 5997-6008 | 23-Apr | | 41.94 | | | | | | | | | 41.94 |
| 2012-04-19-WV | 23-Apr | 36118-36119 | 2.33 | | | | 27.00 | | | | | 29.33 |
| Receipt 6009-6017 | 26-Apr | | 39.61 | 3.50 | | | | | | | | 43.11 |
| 2012-04-21-WV | 26-Apr | 36120 | | | | | 6.99 | | | | | 6.99 |
| Receipt 6018-6041 | 26-Apr | | 55.92 | 57.75 | | | | | | | | 113.67 |
| Receipt 6042-6053 | 26-Apr | | 25.63 | 3.50 | | | | | | | | 29.13 |
| 2012-04-24-WV | 26-Apr | 36121 | | | | | 6.99 | | | | | 6.99 |
| Receipt 6054-6072 | 28-Apr | | 48.93 | 10.50 | | | | | | | | 59.43 |
| 2012-04-25-WV | 28-Apr | 36122 | | | | | | 10.00 | | | | 10.00 |
| 2012-04-26-WV | 28-Apr | 36123-36124 | | | | | 33.99 | | | | | 33.99 |
| Receipt 6073-6094 | 28-Apr | | 51.26 | | | | | | | | | 51.26 |
| Receipt 6095-6111 | 28-Apr | | 37.28 | 3.50 | | | | | | | | 40.78 |
| 2012-04-27-GD | 28-Apr | 36125-36127 | | | | | 61.00 | | | | | 61.00 |
| **Total** | | | **959.97** | **182.00** | **0.00** | **0.00** | **156.94** | **14.66** | **11.45** | **314,773.75** | **697.93** | **316,796.70** |

| **Savings Account** | € |
|---|---|
| Opening Balance | 29,176.51 |
| Transfers to Current Account | -42,600.00 |
| Transfers from Fixed Account | 0.00 |
| Transfer from KAB Savings A/C | 0.00 |
| Transfer from LES Operating A/c (Interest Sept-Dec 2011) | 0.00 |
| Bank Charges re gtee G52TFC13636 | -60.00 |
| Total deposits | 316,796.70 |

Receipts used from no. 36105-36127

## *Correspondance List for Meeting ( 05 ) - 08.05.2012*

| | Received | Ref | From | Subject | Action |
|---|---|---|---|---|---|
| 1 | 22.03.11 | 2232 | PERIT ETIENNE MAGRI - DTRMS | SPEZZJONI FUQ SIT FI TRIQ L-ALKA MA TRIQ IR-RAMEL | Gie deċiż li l-korrispondenza tgħaddi lis-Sur Raymond Tabone sabiex tinstab soluzzjoni. |
| 2 | 25.01.12 | 0685 | NEVILLE GAFA' | PROGETT WATER PARK | Ġie deċiż li jibda' żbir tat-Tamarisk sal-limitu ta' Direct Order u jinħarġu kwotazzjonijiet sabiex isir l-kumplament taż-żbir. |
| 3 | 15.02.12 | 1475 | JACQUELINE GALEA | REQUEST FOR DOUBLE YELLOW LINES AT TRIQ SAN GORG | Korrispondenza nnotata u ġie deċiż li tiġi rreferuta lil Kunsillier Raymond Tabone. |
| 4 | 20.02.12 | 1717 | MANUEL CAMILLERI | REQUEST FOR PARKING BAYS AND ONE WAY SYSTEM AT TRIQ IL-KONVENTWALI | Korrispondenza nnotata u ġie deċiż li tiġi rreferuta lil Kunsillier Raymond Tabone. |
| 5 | 20.02.12 | 1768 | EMMANUEL GAUCI | REQUEST FOR THE REMOVAL OF A SINDLE YELLOW LINE AT TRIQ IT-TAMAR | Korrispondenza nnotata u ġie deċiż li tiġi rreferuta lil Kunsillier Raymond Tabone. |
| 6 | 28.02.12 | 2062 | RAYMOND TABONE | REQUEST FOR AN ACTIVITY PERMIT AT TA' XTUT | Il-permess diġa' nħareġ. Korrispondenza skaduta. |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 7 | 29.02.12 | 2131 | JOSEPH GAUCI | TALBA GHALL-GHOTI TA' KONKOS FI TREJQA F'BURMARRAD HDEJN IL-GRWAND TAL-FUTBOL | Korrispondenza approvata. Jinġabu kwotazzjonijiet u jinħarġu l-*Purchase Orders* . |
| 8 | 01.03.12 | 2204 | KAPPILLAN - PARROCCA QALB BLA TEBGHA TA' MARIJA, BURMARRAD | REQUEST FOR AN ACTIVITY PERMIT AT VARIOUS ROADS IN BURMARRAD | Il-permess diġa' nħareġ. Korrispondenza skaduta. |
| 9 | 02.03.12 | 2213 | JOSEPH BORG | PROGETT ERBA' MWIEZEB - SUGGERIMENTI | Korrispondenza tgħaddi lil Perit għall-evalwazzjoni tas-suġġerimenti. |
| 10 | 06.03.12 | 2298 | ALISON SPITERI | REQUEST FOR AN ACTIVITY PERMIT AT DAWRET IL-GZEJJER | Il-Kunsill ma għandux oġġezzjoni sakemm jinġabu permessi neċessarji mill-Lands, MTA u Pulizija. |
| 11 | 06.03.12 | 2318 | KAPPILLAN - PARROCCA MARIJA ADDOLORATA SULTANA TAL-MARTRI, SAN PAWL IL-BAHAR | REQUEST FOR AN ACTIVITY PERMIT AT VARIOUS ROADS IN SAN PAWL IL-BAHAR | Il-permess diġa' nħareġ. Korrispondenza skaduta. |
| 12 | 06.03.12 | 2337 | CARMEL ABELA - DLG | MEMO 90/2011 - SKEMA DWAR INIZJATTIVI SPORTIVI FIL-LOAKLITAJIET 2012 | Id-dokumenti jiġu mgħoddija lil Viċi-Sindku is-Sur Alex Bezzina u jinħareġ il-*Purchase Orders* li hemm bżonn. |
| 13 | 06.03.12 | 2343 | PAUL IZZO - FGP LIMITED | QUOTATION FOR A BOLLARD FOR THE PEDESTRIAN ZONE ( TRIQ SANT'ANTNIN ) | Il-Kunsill iddeċieda li titwaħħal *bollard* waħda komuni skont kif jiddeċiedi s-Sur Raymond Tabone. |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 14 | 08.03.12 | 2391 | SAVIOUR ZAMMIT | PROGETT ERBA' MWIEZEB - SUGGERIMENTI | Tiġi rreferuta lil Perit. |
| 15 | 08.03.12 | 2396 | KAPPILLAN - PARROCCA SAN FRANGISK, QAWRA | REQUEST FOR AN ACTIVITY PERMIT AT VARIOUS ROADS IN QAWRA | Il-permess diġa' nħareġ. Korrispondenza skaduta. |
| 16 | 08.03.12 | 0623 | MARCO TANTI - TANTI KIOSK JOE GRECH - HORN BLOWER | REQUEST FOR A PERMIT TO PARK AT DAWRET IL-GZEJJER ( AT THE AREA KNOWN AS BOGNOR ) | Rikjesta mhix milqugħa. |
| 17 | 12.03.12 | 2492 | THE DIRECTOR - TECNO MARINE BOAT PARK | REQUEST FOR A PERMIT FOR THE REALLOCATION OF AN ADVERTISING U-BEND AS PER BYE-LAW | Din tiġi deċiża mill-Kunsillier responsabbli s-Sur Jason Camilleri. |
| 18 | 13.03.12 | 2501 | ROSABELLE XUEREB - SMSM GROUP LIMITED | REQUEST FOR AN ACTIVITY PERMIT AT TRIQ IL-QAWRA | Rikjesti bħal din jiġu milqugħa a bażi ta' *first come first serve* , skont kemm jiflaħ l-ispazju. Il-Kunsillier Carmel Hili għandu jipprepara rapport. |
| 19 | 14.03.12 | 2579 | PETER PAUL MICALLEF - PETERS TRADING ENTERPRISES LIMITED | REQUEST FOR A UN/LOADING BAY AT TRIQ IL-MOSTA ( SERVICE ROAD ) | Il-Kunsill ma jsibx oġġezzjoni sakemm dan isir skont ir-regolamenti tat-TM. |
| 20 | 15.03.12 | 2610 | MARTIN CHETCUTI - FSWS APPOGG | HIDMA BEJN IL-KUNSILL LOKALI SAN PAWL IL-BAHAR W IC-CENTRU ACCESS QAWRA | Kontenut innotat. Il-Kunsill lest li jibqa' jikkopera maċ-Centru Access Qawra. |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 21 | 15.03.12 | 2614 | MARIA EBEJER - GHAQDA MLATIJA TAL-ORTIKULTURA | PARTECIPAZZJONI FIL-WIRJA ANNWALI THE GREAT SPRING SHOW FIL-GONNA W IL-PALAZZ TA' SANT'ANTON | Talba kienet diġa' ġiet milqugħa. |
| 22 | 16.03.12 | 2655 | GINA MICALLEF - MALTA POWERBOATS ASSOCIATION | REQUEST FOR AN ACTIVITY PERMIT AT SAN PAWL IL-BAHAR | L-Assoċċjazzjoni tiġi nfurmata li l-Kunsill lest jikkopera iżda spejjeż isiru biss għall-attivita' waħda fis-sena għajr għal wardens u stampar ta' karti. |
| 23 | 20.03.12 | 2689 | RAMONA MICALLEF - IL BARCAIOLO RISTORANTE PIZZERIA | REQUEST FOR A PERMIT FOR AN EXTENSION OF PAVEMENT AT TRIQ IT-TURISTI | Talba għandha tiġi kkunsidrata mill-Kunsillier Jason Camilleri. |
| 24 | 22.03.12 | 2753 | RONALD DEBATTISTA - SUBARU OWNERS CLUB MALTA | REQUEST FOR AN ACTIVITY PERMIT AT MISRAH IL-BAJJA | Kunsill m'għandux oġġezzjoni. |
| 25 | 22.03.12 | 2768 | PAULANN SPITERI - MALTA PARKINSON'S DISEASE ASSOCIATION | REQUEST FOR AN ACTIVITY PERMIT AT MISRAH IL-BAJJA | Il-permess diġa' nħareġ. Korrispondenza skaduta. |
| 26 | 22.03.12 | 2770 | MARTIN CHETCUTI - FSWS APPOGG | REQUEST FOR AN ACTIVITY PERMIT AT BITHA PORZJUNKULA | Il-permess diġa' nħareġ. Korrispondenza skaduta. |
| 27 | 22.03.12 | 2772 | RICHARD SPITERI - GO BUSINESS | GO INTERACTIVE TV | Il-Kunsill qabel li jiddaħħal dan is-servizz għall-użu tal-Anzjani. |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 28 | 23.03.12 | 2802 | ETIENNE FARRUGIA - MIRACLE FOODS LIMITED | REQUEST FOR A PERMIT TO PARK COMMERCIAL VEHICLES AGAINST THE TRAFFIC FLOW | Jinħareġ il-permess a bażi ta' kif kien inħareġ fl-imgħoddi. |
| 29 | 23.03.12 | 2818 | CHRISTINA SAID - GPD | REQUEST FOR A PERMIT FOR TABLES & CHAIRS AT TRIQ IL-GHABEX | Il-Kunsill ma jsibx oġġezzjoni sakemm jinġabu l-permessi meħtieġa mill-awtoritajiet ikkoncernati. |
| 30 | 23.03.12 | 2826 | SALVU DEBONO - CLASSIC FORD MALTA | REQUEST FOR AN ACTIVITY PERMIT AT MISRAH IL-BAJJA | Il-permess diġa' nħareġ. Korrispondenza skaduta. |
| 31 | 26.03.12 | 2851 | EDWIN FERRANTE - SOCJETA' MUZIKALI SAN PAWL | TALBA GHALL-RIKLAM FIL-KTIEB STAMPAT FL-OKKAZZJONI TAL-FESTA TA' MARIJA ADDOLORATA SULTANA TAL-MARTRI | Il-Kunsill jaqbel li jingħata reklam bħas-snin ta' qabel. |
| 32 | 26.03.12 | 2858 | ADRIAN VELLA | REQUEST FOR A SLEEPING POLICEMAN AT TELGHET IX-XEMXIJA ( PARKING AREA, OFF PIT STOP KIOSK ) | Il-kunsill m'għandux oġġezzjoni għal dan. Talba tiġi refreuta lil TM. |
| 33 | 26.03.12 | 2868 | ALAN BUGEJA - VICTORIA BAR & BLACK & WHITE | REQUEST FOR AN ACTIVITY PERMIT AT MISRAH IL-BAJJA | Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni, Permess diġa' nħareġ. Għall-futur għandha ssir laqgħa mal-Pulizija u MTA dwar twaqqif ta' policy kif għandhom joħorġu dawn il-permessi. |
| 34 | 27.03.12 | 2899 | RUTH MARY FARRUGIA - MFA TORONTO | PARTICIPATION ON A TV PROGRAMME LEHEM MALTI | Dan is-suġġett għandu jiġi diskuss mal-promoturi tal-programm. |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 35 | 29.03.12 | 2975 | MICHAEL COHEN - AKL | CIRKOLARI AKL CIRK. 16/2012 - WSC | Deċiżżjoni ttieħdet u intgħażlet option B. |
| 36 | 29.03.12 | 2990 | RAY ABELA - TCTC | FUN FOR KIDS THIS SUMMER - ETFAL | Il-Kunsill jaqbel. Għandha tintalab laqgħa bejn is-Sur Ray Abela u s-Sindku. |
| 37 | 30.03.12 | 3004 | PHILIP ATTARD | REQUEST FOR AN ACTIVITY PERMIT AT TRIQ IT-TRUNCIERA | Permess inħareġ. |
| 38 | 30.03.12 | 3005 | ALEXANDER CAMILLERI | REQUEST FOR AN ACTIVITY PERMIT AT TRIQ IT-TRUNCIERA | Permess inħareġ. |
| 39 | 30.03.12 | 3023 | CLIFFORD VELLA | TALBA GHAL XIRI TA' KOTBA | Għandhom jinxtraw 4 kotba u nirċievu wieħed b'xejn. |
| 40 | 30.03.12 | 3028 | MARTIN J. CEFAI | REQUEST FOR ONE WAY SYSTEM AT TRIQ IL-PORZJUNKULA & TRIQ IL-FREJGATINA | Il-proposta għandha tiġi deċiża mill-Kunsillier Raymond Tabone. |
| 41 | 02.04.12 | 3058 | ALAN BUGEJA - VICTORIA BAR & BAD BULL BAR | REQUEST FOR AN ACTIVITY PERMIT AT MISRAH IL-BAJJA | Il-permess diġa' nħareġ. Korrispondenza skaduta. |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 42 | 25.01.12 | 0790 | ANDREW CIANTAR | TALBA GHALL-HLAS TA' XORB MOGHTI LILL-BANDISTI WAQT CHRISTMAS PARADE IMTELLA' MILL-KUNSILL LOKALI SAN PAWL IL-BAHAR | Għandu jiġi ffissat appuntament mas-Sur Ciantar sabiex tiġi diskussa din il-kwistjoni. |
| 43 | 26.03.12 | 2855 | SAVIOUR SPITERI - BIG FRIENDS GUGGEN MUSIK | TALBA GHALL-HLAS TA' SERVIZZ TAL-BANDA MOGHTI WAQT CHRISTMAS PARADE IMTELLA' MILL-KUNSILL LOKALI SAN PAWL IL-BAHAR | Talba milqugħa. Tintalab ukoll laqgħa mas-Sur Spiteri. |
| 44 | 03.04.12 | 3117 | JASON CAMILLERI | REQUEST FOR AN ACTIVITY PERMIT AT TRIQ IT-TRUNCIERA | Permess inħareġ. |
| 45 | 03.04.12 | 3118 | MARIJA ZERRERLAND | REQUEST FOR AN ACTIVITY PERMIT AT TRIQ IT-TRUNCIERA | Permess inħareġ. |
| 46 | 05.04.12 | 3232 | PJ QUIGLEY & REBECCA DANIELS | REQUEST TO PLACE A COMMEMORATIVE PLAQUE AT TRIQ SAN PAWL | Il-Kunsill m'għandux oġġezzjoni. Talba tiġi referuta lil TM. |
| 47 | 05.04.12 | 3259 | DIMBROS LIMITED | DISKREPANZA FIT-TALBA GHALL-HLAS TA' SERVIZZ TA' GBIR TA' SKART GOFF | Il-Kuntrattur għandu jitħallas. Il-Viċi-Sindku għandu jikkontrolla s-sistema ta' gbir ta' skart goff li ma jkunx imniżżel fil-lista tal-Kunsill. |
| 48 | 09.04.12 | 3401 | ANDREAS CURMI - REBEL RIDERS BROTHERHOOD | REQUEST FOR AN ACTIVITY PERMIT AT TRIQ L-ISKOLA | Il-Kunsill ma jsibx oġġezzjoni. |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 49 | 09.04.12 | | BERNARD CAUCHI | REQUEST FOR AN ACTIVITY PERMIT AT WARDIJA | Permess inħareġ. |
| 50 | 10.04.12 | 3406 | CARMELO AZZOPARDI | REQUEST FOR A NO OBJECTION TO ACT AS A PARKER | Il-Kunsill m'għandux oġġezzjoni sakemm l-applikant għandu l-permess ta' *parker* . Is-Sindku talab votazzjoni. 7 ivvutaw favur, xejn kontra u 2 astensjonijiet, wara li l-kontra-proposta tal-Perit Graziella Galea sabiex tiġi ċċekkjata r-regolmenti qabel jinħareġ No Objection ma għadditx b'7 voti kontra u 2 favur. Il-Kontro-proposta tal-Parit Galea kienet issekondata minn Avukat Robert Piscopo, filwaqt li l-proposta tas-Sindku kienet issekondata minn Jason Camilleri. |
| 51 | 10.04.12 | 3407 | ALAN BUGEJA - VICTORIA BAR & BLACK & WHITE | REQUEST FOR AN ACTIVITY PERMIT AT MISRAH IL-BAJJA | Il-permess diġa' nħareġ. Korrispondenza skaduta. |
| 52 | 11.04.12 | 3409 | JOSEF DARMANIN | REQUEST FOR DOUBLE YELLOW LINES AT TRIQ NICOLA ARDONIO | Proposta nnotata. |
| 53 | 12.04.12 | 3416 | KARL BORG - PARTIT NAZZJONALISTA | REQUEST FOR AN ACTIVITY PERMIT AT TRIQ IL-KONVENTWALI | Permess jinħareġ. |
| 54 | 16.04.12 | 3551 | EMANUEL PULIS - DOLMEN HOTEL PRIVATE LIDO AMAZONIA | REQUEST FOR AN ACTIVITY PERMIT TO PLAY MUSIC UNTIL 02.00A.M. AT DOLMEN HOTEL PRIVATE LIDO AMAZONIA | Il-Kunsill m'għandux oġġezzjoni. |
| 55 | 17.04.12 | 3608 | BERNARD CAUCHI | REQUEST FOR AN ACTIVITY PERMIT AT WARDIJA | Jinħareġ il-permess fuq il-kundizzjonijiet tas-soltu. |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 56 | 18.04.12 | 3627 | MASSIMO BRAY - KUMITAT FESTA MARIJA ADDOLORATA SULTANA TAL-MARTRI, SAN PAWL IL-BAHAR | REQUEST FOR AN ACTIVITY PERMIT AT DAWRET IL-GZEJJER | Il-permess diġa' nħareġ. Korrispondenza skaduta. |
| 57 | 19.04.12 | 3668 | MASSIMO BRAY - KUMITAT FESTA MARIJA ADDOLORATA SULTANA TAL-MARTRI, SAN PAWL IL-BAHAR | TALBA GHALL-RIKLAM FIL-KTIEB STAMPAT FL-OKKAZZJONI TAL-FESTA TA' MARIJA ADDOLORATA SULTANA TAL-MARTRI | Għandu jingħata riklam bħas-snin ta' qabel. |
| 58 | 20.04.12 | 3702 | NUTAR JOHN DEBONO | REQUEST FOR AN ACTIVITY PERMIT AT DAWRET IL-GZEJJER | Il-permess diġa' nħareġ. Korrispondenza skaduta. |
| 59 | 08.05.12 | | PERIT ETIENNE MAGRI - DTRMS | PARKING LAYOUTS | Jintalab il-permess ta' TM għal parking b'sistema ta' fishbone. U jitneħħa n-No Parking sign ta' ħdejn is-Sirens Waterpolo sabiex ikunu jistgħu jipparkjaw vetturi f'dik iż-żona. Għandhom jiġu riżervati żewġ postijiet għall-ipparkjar tad-diving schools filgħodu biss u waħda 'l ħin kollu (24hrs) għall-istess skop. |
| 60 | 08.05.12 | | PERIT ETIENNE MAGRI - DTRMS | ROOF AT THALASSALEJN BOCCI CLUB | Il-Kunsill jaċċetta s-suġġeriment tal-Perit sakemm huwa sodisfatt mill-ispecifications tal-planki, filwaqt li għandhom jintalbu kwotazzjonijiet, jew jinħarġu direct orders għal parti tas-saqaf bil-konkriet skont il-prassi tal-Liġi. |
| 61 | | | CANDICE ZARB | CANDICE'S INCREMENT 01.06.12 | Il-Kunsill approva l-increament għas-Sinjorina Candice Zarb kif ukoll għas-Sinjorina Delcine Gauci jekk din hija ntitolata wkoll għall-increament. Għandu jerġa' jintalab li d-Dipartiment tal-Kunsilli jikkonsidra li s-Sinjorina Gauci tiġi promossa għal grad ta' skrivana. |
| 62 | 16.02.12 | 1548 | PERIT ETIENNE MAGRI - DTRMS | STAIRCASE AT DAWRET IN-NAWFRAGJU | Il-Kunsill qabel li t-taraġ isir tal-konkrit b'konsultazzjoni mas-Sur Raymond Tabone. |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 63 | 20.04.12 | 3771 | MRS. JANE PETITE | REQUEST FOR A CHARITY FUN DAY AND STREET PARTY | Il-Kunsill ma għandux oġġezzjoni. |
| 64 | 24.04.12 | 3856 | MANUEL PORTELLI | EVENTS 2012 | Il-Kunsill ma jsibx oġġezzjoni iżda b'limitazzjoni tal-parteċipazzjoni tal-Kunsill f'din l-attivita' wara li jsiru d-diskussjonijiet mal-applikant. |
| 65 | 26.04.12 | 3990 | MARATHON CHALLENGE MALTA | LETTER OF NO OBJECTION | Il-Kunsill ma għandux oġġezzjoni. |
| 66 | 26.04.12 | 4060 | KUMITAT ZGHAZAGH GAWHRIN SPB | REQUEST FOR A PERMIT | Il-Kunsill ma għandux oġġezzjoni - talba skaduta. |
| 67 | 30.04.12 | 4074 | ALAN BUGEJA - VICTORIA PUB | REQUEST FOR A PERMIT | Il-Kunsill ma għandux oġġezzjoni - talba skaduta. |
| 68 | 02.05.12 | 4193 | KEVIN MICALLEF - MIRACLES BAR | REQUEST FOR A PERMIT | Il-Kunsill ma għandux oġġezzjoni - talba skaduta. |
| 69 | 02.05.12 | 4191 | CHARLES ZAHRA - CLASSIC SPORTS CAR CLUB MALTA | REQUEST FOR AN EXHIBITION PERMIT | Il-Kunsill m'għandux oġġezzjoni. |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 70 | 07.05.12 | 4303 | JOANNA BUGEJA - YMCA | FUND RAISING EVENT IN THE SQUARE | Il-Kunsill m'għandux oġġezzjoni. |
| 71 | 04.05.12 | 4274 | BERNARD CAUCHI | REQUEST FOR AN ACTIVITY PERMIT AT BUGIBBA | Il-Kunsill ma għandux oġġezzjoni - talba skaduta. |
| 72 | 02.05.12 | 4301 | GINA MICALLEF - MALTA POWERBOATS ASSOCIATION | REQUEST FOR AN ACTIVITY PERMIT AT SAN PAWL IL-BAHAR | Ara korrispondenza bir-referenza 2655 (numru 22) |
| 73 | 07.05.12 | 4302 | PERIT STEPHEN FARRUGIA | GELATERIA MARCO TANTI | Ġiet inkarigata l-Perit Graziella Galea sabiex tirrakomadnda dwar din il-proposta, għalkemm il-Kusill ma għandux oġġezzjoni fil-prinċipju sakemm jinġabu l-permessi meħtieġa mill-MEPA. |
| 74 | | | ROBERT ANTHONY PISCOPO | SHIFTING OF ARRIVA BUS STOP | Il-Kunsill jaqbel mal-proposta. Proposta tgħaddi lil Arriva. |
| 75 | | | ANNE MARIE FENECH | SHIFTING OF ZEBRA CROSSING | Il-Kunsill jaqbel li għandha tiġi spostjata ż-Zebra Crossing ta' quddiem il-Perit Andrew Psaila. Is-Sindku għandu jieħu ħsieb dan. |
| 76 | | | ANNE MARIE FENECH | INSTALLATION OF 'RESERVED FOR MINIBUS' SIGN | Il-Kunsillier Raymond Tabone għandu jistuddja din it-talba u jiddeċiedi dwarha. |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 77 | | | EDWIN CAMILLERI | TALBA GHAL ROTTA ALTERNATTIVA MINN DIK TA' TRIQ GULJU GHAT_TRACKLESS TRAIN. | Il-Kunsill ma jsibx oġġezzjoni għal dan it-tibdil. Fl-istess ħin ġie deċiż li l-kuntrattur Adam Bugeja jagħmel xogħol temporanju ta' patching u b'emerġenza. |